MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2008

Numru. 197/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs
Mary Rose Farrugia mart Raymond u bint Peter Paul Pisani u Rita nee' Azzopardi,
imwielda fil-5 ta' Lulju, 1971 u residenti Pisani,
Triq it-Tigrija, Nadur, Ghawdex, detentrici
tal-karta tal-identita' numru 22571(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Mary Rose Farrugia li giet akkuzata talli nhar il-25 ta' Dicembru, 2006 mit-3:00p.m. sal-5:00p.m. u fit-2 ta' Jannar, 2007 mill-4:00p.m. sas-6:00p.m. fin-Nadur, Ghawdex, naqset li tghaddi t-tfal minuri Kevin u Romina li jinsabu fil-kustodja

taghha lil zewgha Raymond Farrugia skond Digriet Nru. 58/2006 tal-Qorti t'Ghawdex, Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja:

Rat l-imputazzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-eccezzjoni sollevata mid-difiza fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2007 illi digriet numru 58/2006 esebiet bhala Dok MF 2 ma kienx legalment validu u dan peress illi gie revokat b'digriet iehor moghti mill-istess Qorti fit-18 ta' Jannar, 2007;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi l-kwerelant ressaq it-talba tieghu sabiex jipprocedi bis-separazzjoni personali minn martu permezz ta' ittra numru 55/2006 fit-13 ta' Gunju, 2006 u fiha ressaq wkoll it-talba sabiex jinghata access ghal uliedu minuri;

Illi permezz ta' digriet tat-12 ta' Lulju, 2006, dik il-Qorti awtorizzat lill-kwerelant jipprocedi ghas-separazzjoni personali quddiem il-Qorti kompetenti u rriservat li tipprovdi dwar it-tieni talba dwar l-access fejn il-process baqa' pendenti quddiem il-Medjatrici Erica Cutugno. Kienet nominata l-Avukat ghat-tfal Dr. Tatianne Cassar li hejjiet ir-rapport taghha dwar il-kaz;

Illi l-kwerelant ipproceda biex jipprezenta l-kawza ghas-separazzjoni quddiem il-Qorti tal-Familja mbaghad fis-16 ta' Awissu, 2006, fejn hemmhekk ukoll ressaq it-talba dwar l-access ghall-minuri. Ta' min wiehed jinnota illi Dr. Tatianne Cassar giet nominata fl-atti ta' l-ittra tal-medjazzjoni fit-23 ta' Awissu 2006, meta l-kwerelant kien diga' ressaq it-talba tieghu quddiem il-Qorti kontenzjuza u kwindi legalment l-atti tal-medjazzjoni ma setghux ikomplu ghaddejjin;

Illi b'digriet ta' l-1 ta' Dicembru, 2006 imbaghad il-Qorti kontenzjuza pprovdiet dwar din it-talba ta' l-access tal-missier ghal uliedu minuri billi hatret social worker mill-agenzija appogg sabiex bi ftehim ma' l-omm tiltaqa' mal-minuri u tara x'inhi l-problema taghhom;

Illi sussegwentment b'digriet iehor tas-6 ta' Dicembru, 2006 imbaghad fl-atti ta' l-ittra tal-medjazzjoni 55/2006 inghata digriet iehor li jirregola l-access tal-minuri u cioe' d-digriet numru 58/2006, meta l-atti kienu diga' jinsabu pendenti quddiem il-Qorti kontenzjuza u meta diga' kien inghata digriet dwar l-access tat-tfal. Mhux biss hekk, talli l-kwerelant ressaq talba quddiem il-Qorti kontenzjuza fit-12 ta' Dicembru 2006 sabiex jinghata access ghall-minuri fil-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena;

Il-Qorti madanakollu tosserva illi ma jidher illi hemm l-ebda digriet fl-atti kif tindika d-difiza fl-eccezzjoni sollevata minnha billi d-digriet tat-18 ta' Jannar 2007 jirrevoka contrario imperio digriet iehor tal-5 ta' Jannar 2007 u mhux id-digriet 58/2006 tas-6 ta' Dicembru, 2006;

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi ghalkemm tichad l-eccezzjoni sollevata mill-imputata, madanakollu peress illi jirrizulta kunflitt qawwi ghar-rigward tad-digrieti validi u vigenti fil-granet ta' l-akkuza, tillibera lill-imputata mill-akkuza migjuba fil-konfront taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------